*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,511, 27 ta' Novembru, 2009*
*Taqsima D*

**K.L.B.L./02/03/2009**

**ATT DWAR KUNSILLI LOKALI**
**(KAP. 363)**

***Bye-Laws* tal-2009 li jirregolaw il-Karozzini ġewwa l-Imdina**
**(Kunsill Lokali Imdina)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 35(8) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Imdina għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu "*Bye-Laws* ta' l-2009 li jirregolaw il-Karozzini ġewwa l-Imdina". Titolu.

**1.2** Dawn il-*Bye-Laws* jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazetta. Bidu fis-seħħ.

**2.** F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali tal-Imdina;

"karozzin" tfisser karozzin u kull vettura miġbuda minn annimal;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Imdina kif murija fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att.

**3.** Kull karrozzin użata b'kiri jew b'kumpens tista' tiċċirkola fl-Imdina f'kull ħin sakemm il-qawqab tal-annimal u r-roti tal-karozzin ikunu miksija bil-lastku: Ċirkolazzjoni tal-karozzini u l-użu tal-lastku fuq il-qawqab u r-roti tal-karozzin.

Iżda l-Kunsill jista' joħroġ permess biex karozzin li ma jkollux ir-roti miksija bil-lastku jkun jista' jidħol fl-Imdina f'xi okkażjoni speċjali.

**4.** Persuna li tinsab ħatja bi ksur ta' dawn ir-regolamenti tista' meta tinsab ħatja teħel ammenda ta' sittin euro. Piena.

**L.C.B.L./02/03/2009**

## LOCAL COUNCILS ACT
## (CAP. 363)

### Use of Animal-drawn Carriages (Mdina Local Council) Bye-Laws, 2009

IN exercise of the powers conferred by articles 34 and 35(8) of the Local Councils Act, the Mdina Local Council has made the following Bye-Laws:-

Citation.

**1.** The title of these Bye-Laws may be cited as Use of Animal-drawn Carriages (Mdina Local Council) Bye-Laws, 2009."

Commencement.

**1.2** These Bye-Laws shall come into force upon their publication in the Gazette.

Interpretation.

**2.** In these Bye-Laws, unless the context otherwise requires:-

"Animal-drawn carriage" means a karozzin and any animal-drawn vehicle;

"the Act" means the Local Councils Act;

"the Council" means the Mdina Local Council;

"locality" means the Mdina locality as shown in the First Schedule to the Act.

Circulation of horse-drawn carriages and the use of rubber covers on hooves and carriage wheels.

**3.** Horse-drawn carriages used for hire or in compensation may circulate within Mdina at all times provided the animal's hooves and the carriage wheels are fitted with rubber covers:

Provided that the Mdina Local Council may issue a permit for an animal-drawn carriage not fitted with rubber covered wheels to access Mdina on a special occasion.

Penalities.

**4.** Any person who is found guilty of contravenening these regulations shall, on conviction, be liable to a fine (*ammenda*) of sixty euro.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09